

# L-Istatwi fit-Toroq tar-Rabat tal-Imdina fil-Festa ta' San Ġużepp

**Minn Victor Caruana**
*B.A.(Hons), MA Storja tal-Arti*

Meta fl-1870 iżżanżnet l-istatwa ta' Ġuditta fit-toroq tal-Isla għall-festa ta' Marija Bambina,[1] inżergħet iż-żerriegħa li wasslet sabiex jiżviluppa wieħed mill-aktar aspetti interessanti u artistiċi li nsibu fil-festi Maltin – dak tal-istatwi fit-toroq u l-pjazzez ewlenin tal-irħula u l-ibliet tagħna. L-użu ta' dawn ix-xbihat huwa marbut sew mal-istorja tal-kartapesta f'pajjiżna kif ukoll mal-evoluzzjoni tal-festi esterni. Fil-fatt, dawn kienu żewġ elementi li lkoll wasslu għall-popolarità dejjiema ta' dawn ir-rappreżentazzjonijiet efimeri li f'dan il-każ jissejħu statwi u mhux vari. Peress li ma sarux bl-iskop li jiġu merfugħa u trasportati minn post għall-ieħor fuq l-ispalla bħal fil-każ tal-vari fil-knejjes li jintużaw waqt il-purċissjonijiet jew manifestazzjonijiet oħra.

Ġeneralment dawn l-istatwi juru anġli, profeti, qaddisin, puttini, isqfijiet, papiet, personaġġi relatati mal-parroċċa, allegoriji jew xeni mill-ħajja tal-qaddis partikolari u jkunu armati fuq pedestalli kbar, komunament imsejħa 'kolonni', b'qies li jiddependi mill-kobor tax-xbieha li tkun ser titpoġġa fuqhom. Illum il-ġurnata, dawn ikunu miżbugħa permezz ta' tip ta' arti imsejħa '*faux art*'(frażi Franċiża li tfisser 'arti falza') peress li jagħtu l-impressjoni li jkunu maħduma fl-irħam mentri fil-verità jkunu xogħol fl-injam. Apparti hekk, dawn il-pedestalli jkunu dekorati permezz ta' disinji varji minquxa fl-injam jew maħduma mill-fibre u ndurati fejn l-istil l-aktar popolari huwa dak Barokk jew Rococò għalkemm insibu wkoll oħrajn li għandhom stil *Liberty*.

## Il-Bidu, l-Iskop u l-Iżvilupp tal-Istatwi fit-Toroq

L-istatwa ta' Ġuditta fl-Isla msemmija fuq kienet xogħol ta' Gerolamo Darmanin, in-neputi tal-istatwarju magħruf Carlo Darmanin. Jidher li din l-immaġni tal-kartapesta ma kellhiex il-polikromija li naraw fl-istatwi fil-preżent iżda kienet miżbugħa b'mod monokromatiku sabiex tagħti l-impressjoni li hija mnaqqxa fl-irħam.[2] Huwa fatt magħruf li l-familja Darmanin - li minnha Gerolamo kien jagħmel parti - kienet popolari ma' Malta kollha għax-xogħol fl-irħam u allura jista' jkun li l-idea li ssir xbieha ta' dan it-tip li tkun tidher qisha monument temporanju li jintrama' fl-okkażjoni tal-festa tal-lokal kienet tal-istess statwarju.[3] Ta' min ifakkar ukoll li f'dak iż-żmien ma kinux għadhom ġew imwaqqfin l-għaqdiet tal-festa li nsibu llum f'bosta lokalitajiet minħabba li l-armar fil-festi esterni kienu għadu ineżistenti. Dan, allura, jkabbar il-probabbilità li din l-inizjattiva kienet idea ta' Gerolamo Darmanin jew ta' xi individwu li kien familjari miegħu u kkummissjonalu dan ix-xogħol.

Minħabba n-nuqqas ta' tiżjin fit-toroq sa dak iż-żmien u l-ineżistenza ta' gruppi responsabbli minn dan ix-xogħol, l-idea tal-istatwi fit-toroq ma kienx xi suċċess immedjat. Fil-fatt, kellhom jgħaddu madwar ħdax-il sena sabiex tinħadem it-tieni rappreżentazzjoni li nafu bid-data ta' meta saret. Din saret għall-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu – lokalità viċin ħafna tal-Isla – u kienet turi *Il-laqgħa ta' San Lawrenz mal-Papa Sistu II*. Din saret minn Giovanni Darmanin, iz-ziju ta' Gerolamo.[4] Il-konnessjoni ta' din it-tip ta' arti mal-ħidma tal-familja fl-irħam tidher anke f'dan ix-xogħol minħabba li l-istess statwarju kien iddisinja l-pedestall li fuqu kienet set titpoġġa fit-triq – pedestall li stilistikament huwa simili għal ċertu oqbra fl-irħam li d-ditta *G.Darmanin e Figli* - id-ditta tal-familja - kienet taħdem.[5]

Minn hawn, nistgħu ngħidu li l-użu tal-istatwi bħala tiżjin fit-toroq beda jinxtered b'mod kajman għalkemm ma bdewx jiżżanżnu numru kbir ta' vari f'daqqa. Madanakollu, bit-twaqqif ta' numru ta' baned mużikali fit-tieni nofs tas-seklu dsatax u bil-qagħda ekonomika u soċjali Maltija pjuttost stabbli, l-aspett estern tal-festi inġenerali ħa spinta kbira 'l quddiem u ftit ftit beda l-iżvilupp ta' dan l-element tal-festi Maltin inkluż f'dak li hu armar. Skont gazzetti u ġurnali varji ta' dik l-epoka, sal-aħħar snin tas-seklu dsatax fil-festi kienu diġà jintramaw palk għall-baned, dwal u bosta armar ieħor. Ittra mibgħuta minn ċertu Ġużeppi lill-ġurnal *Malta Tagħna* tal-21 ta' Lulju 1896 p.2, ittina deskrizzjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-belt Valletta u turina


MOSE


ISAAC






ISAIAS








TRIQ
SAN ĠUŻEPP
DAVID

mhux biss x'tip t'armar kien jintrama' iżda wkoll ir-reazzjoni tal-popolin u l-entużjażmu li dan kien qed juri lejn l-armar ġdid li kien qed jiżżanżan. L-ittra ssemmi li, *'L-armar ta' barra u l-illuminazzjoni żdiedu u rnexxew bil-bosta. Il-pjazza kienet donnha ġenna, bl-armar addattat tagħha....Strada Teatro nistgħu nsejħulha Strada Angeli, għax bl-armar tagħha kienet verament triq tal-anġli. Dis-sena minflok kolonni saru anġli ġodda, bil-piramida tal-gass f'idhom matul it-triq kollha.'*

Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-użu tal-istatwi fit-toroq matul il-jiem tal-festa kompla jikber tant li dik il-prattika għadha għaddejja b'ritmu qawwi anke fil-preżent, fejn id-dehra ta' numru ta' xbihat figurattivi mpoġġija fit-toroq u l-pjazez tal-irħula hija xena komuni u impressjonanti fil-festi tagħna.

Dawn ir-rappreżentazzjonijiet jitqiesu bħala fergħa importanti ferm tal-istorja tal-kartapesta f'Malta. Tant hu hekk li kieku l-użu u t-teknika tal-kartapesta ma kinitx żviluppata u pperfezzjonata, l-użu tal-istatwi dekorattivi fit-toroq kien ikun ħaġa kważi impossibli li jsir. Infakkru, hawnhekk, li l-bidu tal-kartapesta f'Malta kien riservat biss għall-vari-manikini tal-Ġimgħa Mqaddsa fejn irjus, idejn u saqajn fil-kartapesta kienu jintlibsu ħwejjeġ ta' vera u jinġarru waqt il-purċissjonijiet. Lejn it-tielet deċennju tas-seklu tmintax, imbagħad, grazzi b'mod partikolari għall-istatwarju Saverio Laferla (m.1761), bdiet issir komuni l-prattika li jsiru vari sħaħ tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-kartapesta. Laferla witta l-bażi għal vari sodi u reżistenti li estetikament ma kinux jagħmlu għajb għal vari oħrajn maħduma f'materjal aktar rispettat, jiġifieri fl-injam. Statwarji oħrajn li ġew wara Laferla, fosthom Antonio Mifsud *'In-Najċi'* (1760-1830) u Giuseppe Vella (1802-1860) komplew iħaddmu din it-teknika u fl-istess waqt bdew juru lill-poplu li meta mħaddma u magħmula sew il-kartapesta taf tagħti riżultati mill-aqwa kif ukoll kienet toffri vantaġġi bħal ngħidu aħna l-prezz aktar baxx biex jinħadmu l-vari fiha u l-piż relattivament ħafif tagħhom.

Saż-żmien meta l-membri tal-familja Darmanin bdew jaħdmu l-istatwi u l-vari f'din it-teknika, l-użu tal-kartapesta għal rappreżentazzjonijiet figurattivi sagri kien ġie aċċettat u mħaddan mill-poplu Malti. Għalhekk, maż-żmien, id-dilettanti fil-parroċċi raw li statwi tal-kartapesta setgħu jintużaw ukoll sabiex iżejnu t-toroq bihom peress li grazzi għan-nuqqas ta' piż li jkun fihom kienu ideali sabiex jinġarru sal-post fejn kienu ser jintramaw u jintrefgħu fuq il-pedestalli għoljin tagħhom bla wisq tbatija. Fl-istess ħin, għan-nies ta' dak iż-żmien fejn l-armar estern ma kellux l-aspett artistiku kbir li għandna llum, il-fatt li fit-toroq ikollok statwi bħalma ssib fil-knisja raw li kien mod kif wieħed iżid konsiderevolment l-element artistiku fihom.

It-tkattir ta' dawn ix-xbihat u l-popolarità tagħhom eventwalment wassal biex tinħoloq sistema – li ser tiġi spjegata hawn taħt - fejn dawn jitpoġġew fit-toroq b'mod maħsub u mhux jiġu sparpaljati 'l hemm u 'l hawn. Din l-organizzazzjoni partikolari hija komuni għal kull raħal minkejja d-differenzi li nsibu fil-patroċinju tal-qaddis/a u s-suġġetti tal-istatwi fit-toroq. Hawn statwi li saru aktar minn mitt sena ilu u baqgħu jiġu armati fl-istess post proprju minħabba din is-sistema. Minħabba raġunijiet ta' toroq u bini ġdid, iżda, ċertu statwi kellu jinbidlilhom il-post fejn jintramaw però l-lok alternattiv li nstabilhom ġeneralment dejjem kien konformi ma' din is-sistema li, minkejja li ma ġiet mgħarrfa u imposta minn ħadd, id-dilettanti tal-armar fl-irħula differenti ta' matul iż-żminijiet addattawha kważi kważi b'mod awtomatiku u naturali.

## It-Tqassim tal-Istatwi fl-Irħula

It-tqassim tal-istatwi madwar l-irħula u l-ibliet Maltin għandu bħala ċ-ċentru tal-importanza tiegħu, kif mistenni, lill-knisja parrokkjali. L-aktar xbihat importanti u sinjifikanti tal-patrun/a tar-raħal jew ta' xi personaġġ ieħor marbut miegħu jew magħha jew inkella mal-istorja tar-raħal jew tal-parroċċa jitpoġġew viċin il-knisja, sewwasew fuq iz-zuntier u l-pjazza ewlenija. Aktar mal-istatwi jkunu 'l bogħod mill-qofol ta' fejn tkun qegħda ssir il-festa, anqas tkun l-importanza tagħhom.[6]

Fuq iz-zuntier ġeneralment jitpoġġew xi episodji sinjifikattivi mill-ħajja tal-qaddis, xi personaġġi importanti relatati magħhom, allegoriji tal-virtujiet li kellhom u/jew inkella figuri ta' anġli jżommu s-simboli tal-qaddis. Dawn l-istatwi jilħqu l-effett tagħhom hekk kif il-vara titulari toħroġ mill-bieb tal-knisja u tieqaf fuq iz-zuntier, fin-nofs ta' dawn ir-rappreżentazzjonijiet. F'dak il-mument, wieħed ikun jista' jara l-patrun partikolari mdawwar bl-episodji ta' ħajtu li wassluh biex jiġi meqjum u venerat, kif naraw fil-każ tal-festa ta' Santa Katarina fiż-Żurrieq.[7] Fil-festa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u fir-Rabat Għawdex, imbagħad, għandna każ fejn tpoġġew figuri relatati mal-ħajja tal-qaddis, sewwasew il-ġenituri - *Geronzio* u *Polikronja*. L-istess ġeneralment jiġri f'ħafna mill-festi tal-Madonna, fejn l-istatwi ta' *Sant'Anna* u *San Ġwakkin* jitpoġġew f'post prominenti fuq iz-zuntier. Żewġ figuri allegoriċi jitpoġġew fuq iz-zuntier tal-Bażilika ta' Santa Liena f'Birkirkara. Dawn jirrappreżentaw lill-*Fidi* u lil *Ruma*, li jfakkru fil-vers li kiteb San Girgor il-Kbir fuq il-qaddisa: *'Elena kebbset il-qlub ta' Ruma bid-dawl tal-Fidi.'*[8]

Ta' min wieħed isemmi każ interessanti li nsibu fil-festi ta' Santa Katerina taż-Żejtun u tas-Salvatur f'Ħal Lija. F'tal-ewwel, id-daqs taz-zuntier ippermetta sabiex fuqu jitpoġġew l-elementi kollha li ssemmew s'issa. Dan ifisser li hemm anġli jżommu s-simboli tal-qaddisa qrib il-bieb maġġur, figuri prominenti fil-ħajja tal-qaddisa – Porfirju u Fawstina, u anke x-xeni tal-martirju tal-qaddisa u l-glorja tagħha, li jintramaw fit-truf tal-istess zuntier. Fil-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija, min-naħa l-oħra, naraw kif meta l-vara titulari titpoġġa fit-tarf taz-zuntier, ftit qabel tibda nieżla t-taraġ, ix-xena tat-Trasfigurazzjoni tkun kompluta permezz tal-figuri ta' *San Ġwann* u *San Ġakbu* fuq kull naħa tal-vara u *San Pietru* faċċata tal-knisja. Il-ġesti ta' dawn il-personaġġi huma mpoġġija b'mod fejn huma bħal donnhom qed jgħattu għajnejhom mid-dija qawwija li ħierġa mid-dehra li qed timmanifesta ruħha quddiemhom, proprju kif naqraw fir-rakkont ta' dan l-episodju fil-Vanġelu. Fi ftit kliem, dawn it-tliet statwi jieħdu s-sens komplut tagħhom meta jkun hemm il-vara titulari f'nofshom.[9]

It-tieni l-aktar post prominenti fl-organizzazzjoni tat-tqegħid tax-xbihat matul il-jiem tal-festa huwa bla dubju l-pjazza ewlenija - jew fejn m'hemmx pjazza, it-triq prinċipali tal-knisja parrokkjali. Apparti l-importanza ta' dan il-post bħala ċ-ċentru tal-irħula antiki ta' pajjiżna u l-qofol tal-attività tal-festa partikolari, il-pjazza toffri spazju kbir fejn wieħed jista' jimraħ fl-armar. Għal darb'oħra, is-suġġett tal-istatwi li jitpoġġew fil-pjazez ewlenin tal-irħula jiddependi mill-festa li tkun qed tiġi ċċelebrata. Ġeneralment pero, il-festi tal-Madonna jkollhom is-sett tal-appostolat imdawwar quddiem il-knisja, kif naraw fil-festi ta' Santa Marija tal-Qrendi, l-Imqabba u Ħal Għaxaq. Minflok dawn, inkella, insibu festi oħrajn tal-Madonna li għandhom personaġġi tat-Testment il-Qadim bħal fil-każ ta' Ħal Balzan, Ħ'Attard, il-Mellieħa, Ħal Tarxien (festa tal-Annunzjata), il-Qrendi (festa tal-Madonna ta' Lourdes) u l-Imqabba (festa tal-Madonna tal-Ġilju). Minħabba r-relazzjoni viċina bejn it-titular tal-parroċċa u l-appostli, xbihat ta' dawn insibuhom ukoll fil-festi tas-Salvatur f'Ħal Lija, San Bartilmew f'Ħal Għargħur u Corpus u San Pawl tar-Rabat (Malta).

F'festi tal-qaddisin, fil-pjazza ġeneralment jitpoġġew rappreżentazzjonijiet ta' personaġġi li b'xi mod jew ieħor kellhom konnessjoni mal-patrun partikolari. Fil-festa ta' Santa Liena f'Birkirkara, per eżempju, jitpoġġew sett ta' sitt dutturi tal-knisja li kollha kitbu fuq il-virtujiet tal-qaddisa imperatriċi, filwaqt li f'San Ġorġ ta' Ħal Qormi u r-Rabat Għawdex insibu sett statwi ta' nies prominenti u qaddisin oħra li b'xi mod xerrdu d-devozzjoni lejn San Ġorġ.[10] Fiż-Żurrieq, għalkemm il-pjazza mhijiex quddiem il-knisja bħalma nsibu f'irħula oħra iżda tinsab fil-ġenb tal-knisja, fiha nsibu sett ta' tmien filosofi li skont l-istorja iddiskutew il-fidi tagħhom ma' Santa Katarina u ġew konvertiti mill-istess qaddisa għall-Kristjaneżmu. Dawn huma probabbilment l-uniċi xbihat ta' figuri mhux relatati mar-reliġjon Kattolika li nsibu fil-festi tagħna. Insibu każi fejn fil-pjazza jew fit-triq tal-knisja, jiġu armati statwi ta' qaddisin li kellhom xi ħaġa komuni mal-patrun. Fil-festi ta' San Duminku tal-Belt u l-Birgu, naraw sett ta' qaddisin Dumnikani u allura għandhom l-iskop li juru l-qdusija li ħarġet mill-Ordni Dumnikan li proprju waqqaf l-imsemmi qaddis. L-istess naraw fejn jidħol l-Ordni Karmelitan fil-festi tal-Fgura, iż-Żurrieq u l-Belt.

Fil-festi nsibu wkoll gruppi statwarji individwali li juru personaġġ jew xi xena marbuta mal-qaddis. Dawn ma jkunux jagħmlu parti minn xi sett ta' statwi u ġeneralment jitpoġġew f'post strateġiku minn fejn tkun ser tgħaddi l-purċissjoni. L-aktar eżempju klassiku ta' dan it-tip ta' vari hija dik li turi l-*Martirju ta' Santa Katarina bir-Rota* f'Misraħ Mattia Preti fiż-Żurrieq fl-okkażjoni tal-festa tal-istess qaddisa. Din l-istatwa, xogħol ta' Vincenzo Maria Cremona tal-1899, hija unika għall-kobor u s-sens narrativ li fiha. Eżempji oħrajn ta' xbihat ta' dan it-tip huma l-istatwa tad-*Dehra tal-Anġlu lil San Ġużepp* li tintrama' wara l-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq fil-festa ta' dan il-qaddis, *Iż-Żwieġ tal-Madonna ma' San Ġużepp* fil-festa titulari ta' Ħal Tarxien, *Il-Ħarba ta' San Ġużepp mal-Madonna lejn l-Eġittu* fil-festa ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ u d-*Disputa ta' Santa Katarina mal-Filosofi Quddiem l-Imperatur* fil-festa taż-Żejtun.

Insibu wkoll statwi tal-patrun/a waħedhom li jitpoġġew fit-toroq. Dawn huma tip ta' statwi li l-biċċa l-kbira minnhom ikunu proprjetà tal-każini tal-baned. Ġeneralment ikollhom l-istess spirtu ta' glorja bħall-vara titulari - għalkemm forsi aktar movimentati, tant li kważi jistgħu jissejħu bħala l-vari titulari tat-toroq. Festa li hija miżgħuda b'dawn it-tip ta' rappreżentazzjonijiet hija dik ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi fejn apparti x-xbihat li jarmaw il-każini, insibu wkoll statwi ta' San Ġorġ oħrajn mxerrdin f'bosta toroq u akwati tal-lokal. Apparti dawn it-tipi kollha ta' statwi, kważi kull festa jkollha wkoll numru ta' toroq u/jew sqaqien li jiġu armati b'bosta anġli u puttini li jkollhom il-brazzi f'idejhom. Apparti l-aspett dekorattiv tagħhom, dawn iservu wkoll biex idawwlu l-post li jiġu armati fih.

## L-Istatwi fil-Festa ta' San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina

It-tqassim tax-xbihat figurattivi msawrin fil-kartapesta u li jżejnu l-inħawi tal-knisja Ta' Ġieżu fir-Rabat matul il-festi f'ġieh San Ġużepp isegwu sew il-metodu li ġie deskritt hawn fuq. Minkejja l-limitazzjoni fl-ispazji miftuħa li għandha l-akwata ta' din il-knisja, l-istatwi xorta huma mpoġġija b'mod maħsub u ordnat u huma kkumplimentati b'armar li jaqbel sew mal-karattru ta' din il-parti antika tar-Rabat. Is-suġġetti ta' dawn ix-xbihat ivarjaw minn profeti, anġli, personaġġi storiċi marbutin mal-lokal u mal-qaddis u anke allegoriji. Fatt interessanti huwa kif il-perjodi differenti li fihom saru dawn l-istatwi u l-post li jitpoġġew fih matul il-jiem tal-festa jindika biċ-ċar l-iżvilupp li sar fl-armar ta' din il-festa fejn jidħlu dawn l-istatwi hekk kif relatat mal-importanza tat-toroq ta' din l-akwata.[11] Il-Festa ta' San Ġużepp kienet waħda minn tal-bidu nett jekk mhux l-ewwel li kellha grupp li jieħu ħsieb l-element estern tal-festa mwaqqaf fl-1844 u msejjaħ *Procura dell'Illuminazione* li kienet tieħu ħsieb dak kollu li jsir mill-bieb il-barra tal-knisja nkluż l-armar tat-toroq.

L-aktar statwa antika fost dawk li jintramaw jidher li hija dik li turi lis-*Sultan David*. Din probabilment saret bejn l-1870 u l-1875, hekk kif jixhed ritratt li nġibed fil-perjodu msemmi u li fih din ix-xbieha tidher tagħmel parti mill-palk tal-banda li kien sar fis-sena 1865.[12] Minħabba dan il-fatt kurjuż, din l-immaġni tieħu ċerta importanza peress li hija fost l-ewwel xbihat nett li saru għal użu estern wara dik ta' Ġuditta fl-Isla li semmejna fil-bidu. Dan minkejja li *David* kien jagħmel parti minn dekorazzjoni ta' struttura bi skopijiet mużikali aktar milli biex isebbaħ it-toroq bħall-bqija tal-istatwi li saru wara. Jingħad li din l-immaġini saret mill-istatwarju Malti Carlo Darmanin (1825-1909), li fil-perjodu li saret fih din l-istatwa kien qiegħed fil-bidu tal-popolarità tiegħu f'din it-tip ta' arti. Hawnhekk, però, nixtieq nirrimarka li l-attribuzzjoni lil dan l-istatwarju tista' ma tkunx daqshekk ċara. Dan minħabba li jeżisti xebh bejn il-maskra użata għall-wiċċ tas-*Sultan David* u dik użata għall-vari ta' *San Ġużepp* li Gerolamo Darmanin (1834-1879), neputi ta' Carlò, kien diġà ħadem għan-Naxxar, il-Furjana, Ħaż-Żebbuġ u possibbilment kien anke ħadem dak għall-Ħamrun. Dan ix-xebħ jidher fil-modelattura tal-wiċċ, il-ħarsa u anke mid-daqna li tispiċċa b'żewġ nokkliet kbar fit-truf. Allura, jista' jagħti l-każ li huwa Gerolamo Darmanin l-awtur ta' din l-istatwa u mhux Carlo.

Il-kompożizzjoni turi lill-personaġġ liebes ilbies irjali magħmul minn libsa ħadra u mant ħamrani marbut mal-ispalla x-xellugija u li mbagħad idur mal-figura sakemm jgħatti parti kbira minnha. Il-qelba tal-mant hija magħmula minn pelliċċa tal-ermellin, kif kienu jidhru l-figuri rjali fiż-żmien li saret fih ix-xbiha. Huwa jidher qed idoqq arpa kbira, l-istrument mużikali sinonimu ma' dan is-sultan u li probabbilment kien ir-raguni ghat-twaħħid ta' din il-figura mal-palk tal-banda apparti r-relazzjoni ġenetika ta' San Ġużepp ma' David. Il-profeta huwa nieqes minn kull moviment għajr il-ġest delikat li jindika li qed idoqq l-arpa. Għaldaqstant, naraw kif fit-tiswir ta' din l-istatwa ġie użat l-istil popolari fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, jiġifieri dak Purista u Romantiku.

L-istatwi li jitpoġġew fl-aktar post prominenti, quddiem il-knisja Ta' Ġieżu, huma dawk li juru l-erbgħa patrijarki tat-Testment il-Qadim jiġifieri *Abrham*, *Iżakk*, Ġakobb u Ġużeppi. L-erbgħa li huma jingħad li huma xogħol ta' Carlo Darmanin għalkemm l-uċuħ ma jidhrux f'xi vari jew statwi oħra minn tiegħu. Il-figuri għandhom karatteristiċi simili, fejn huma pjuttost riġidi u vertikali fil-pożi tagħhom u l-uniku moviment ġej mill-ġesti tal-idejn mhux minn xi contraposto jew kisra fl-angolatura min-naħa tal-qadd tal-personaġġi. Il-panneġġi wkoll huma kajmana, bla ebda ħjiel ta' moviment li jtihom aktar volum. Minflok, huma jemfasizzaw id-dehra kalma tal-figuri. Dawn l-erbgħa figuri x'aktarx li huma l-ewwel sett ta' statwi esterni li saru bl-iskop preċiż li jintramaw fuq barra għal raġunijiet dekorattivi, fl-aktar post ċentrali tal-festa jiġifieri quddiem il-knisja. Stilistikament m'għandhom







xejn komuni max-xogħol li Carlo Darmanin kien qed jipproduċi fl-ewwel ftit għexieren ta' snin tattieni nofs tas-seklu dsatax. Matul is-snin sebgħin u tmenin tal-1800, Carlo kien diġà żviluppa dawk il-fattizzi tal-uċuħ li baqgħu sinonimi miegħu u karatteristiċi ta' xogħlu sa tmiem il-karriera artistika tiegħu. Kif ġie rrimarkat ftit ilu, xejn minn dawn ma nsibuh fl-erbgħa statwi li jirrappreżentaw lill-Patrijarki *Abram*, *Iżakk*, Ġakobb u Ġużeppi. Anke t-tip ta' panneġġi użati fl-ilbies ma jikkorrispondux mal-pjiegi naturali u pjuttost kbar li kien jimmudella Carlo Darmanin. Bil-kontra, l-ispirtu kalm u ristrett li jiddomina f'dawn ix-xbihat, għal darb'oħra, jfakkar fix-xogħol ta' Gerolamo Darmanin. Fil-fatt, jeżisti ċertu xebħ fil-modellatura tal-wiċċ tal-profeta *Iżakk* – li statwa simili għal din fir-Rabat insibuha wkoll armata mal-faċċata tal-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta waqt il-ġranet tal-festa – mal-figura ta' *Kristu fl-Ort* li nsibu fil-parroċċa ta' Ħal Għargħur.[13] Apparti dan, it-tqegħid tal-ispallejn pjuttost dritti hija element komuni kemm fl-istatwa Rabtija u anke fil-figura ta' Kristu fil-vara msemmija. Hija l-opinjoni tal-awtur ta' dan l-artiklu, għalhekk, li fin-nuqqas ta' dokumenti primarji li jixħtu aktar dawl fuq l-awtur ta' dawn il-figuri, huma jistgħu jiġu attribwiti lil Gerolamo Darmanin fuq bażi stilistika u teknika.

Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax ġie deċiż li jibdew jitpoġġew ukoll xi statwi fil-ġenb tal-knisja, fi Triq San Ġużepp. Sabiex jinħadmu xi figuri ġodda, tqabbad l-istatwarju u xenografu Malti Vincenzo Maria Cremona (1851-1912). Huwa fil-fatt sawwar l-allegorija ta' *Malta Rebbieħa* kif ukoll żewġ anġli jżommu s-simboli ta' San Ġużepp, li tpoġġew fit-tarf tal-istess triq int u sejjer lejn il-knisja Agostinjana ta' San Mark. L-istatwa ta' *Malta* għandha l-karatteristiċi kollha li wieħed isib fir-rappreżentazzjonijiet u l-istil ta' Cremona li sawwarha fl-1899. Fiha naraw il-figura ta' mara gwerriera liebsa korazza pettorali fuq libsa bajdanija. Fuq rasha għandha elmu bi tlett pjumi – tnejn ħomor u waħda bajda fin-nofs – li jfakkru fil-kuluri tal-bandiera Maltija. Dawn l-istess kuluri narawhom jiddominaw l-ilbies tal-personaġġ, tant li jikkumplimenta l-bjuda tal-libsa naraw mant ħamrani li jaqa' minn wara dahar il-personaġġ allegoriku u jibqa' nieżel sa taħt saqajn il-mara gwerriera għal fuq il-kollezzjoni ta' armi militari magħmula minn tarek, elmijiet, lanez u mazez li *Malta* tinsab wieqfa fuqhom. Dirgħajha l-leminija hija mgħollija 'l fuq peress li Cremona għamilha qed tgħolli lasta bil-bandiera Maltija mwaħħla magħha. Id-driegħ tax-xellug, min-naħa l-oħra, hija aktar baxxa iżda ħierġa 'l barra minħabba li magħha għandha mwaħħla tarka ta'għamla rettangolari kif ukoll weraq tar-rand f'idha. Din il-poża hija kważi kopja tal-figuri ta' *Malta* li Cremona ħadem għall-festi ta' *Santa Liena* f'Birkirkara u l-*Bambina* fin-Naxxar (1896).[14]





Interessanti nsemmu li din hija l-unika verżjoni ta' *Malta*, flimkien ma' dik tax-Xagħra Għawdex, fejn l-istatwarju m'użax is-simbolu tal-qaddis patrun fil-kompożizzjoni tiegħu. Ir-raġunijiet għal dan jistgħu jkunu diversi u varjati iżda l-aktar waħda plawsibbli hija dik li torbot magħha ż-żewġ anġli li Vincenzo Maria Cremona ħadem flimkien ma' din l-istatwa fl-1899 u li għadhom jintramaw viċin tagħha sal-lum il-ġurnata. Forsi fuq xewqa tal-kummissjonanti jew inkella fuq idea ta' Cremona nnifsu, għandna statwa ta' *Malta* li għandha konnessjoni qawwija mar-rebħ tal-Assedju l-Kbir hekk kif indikat mill-armi militari li hemm taħtha. Ir-rabta mal-qaddis patrun jista' jkun li ġiet eliminata minħabba li s-simboli li huwa seta' uża fil-kompożizzjoni ta' *Malta Rebbieħa* inkludihom fiż-żewġ anġli li ħadem magħha.

Dawn iż-żewġ figuri, minkejja l-kompożizzjoni sempliċi li statwi simili tagħhom dejjem ikollhom, ukoll jixhdu l-istil partikolari ta' Cremona. Wieħed jista' jgħid li anke fi statwi bħal m'huma l-anġli dan l-istatwarju ried ikun differenti minn dak li kien isir fi żmienu mill-artisti l-oħra, b'mod speċjali Carlo Darmanin. Dan għax filwaqt li Darmanin kien jagħmel ħlejjaq ħelwin bi ftit li xejn ġesti tal-idejn, Cremona joħloq moviment minkejja l-limitazzjoni li joffrilu dan is-suġġett partikolari li ma tantx tista tinkludi wisq narrativa fih. Għaldaqstant, huwa seta' nkluda s-simboli marbutin ma' San Ġużepp sabiex jeżalta u jemfasizza aktar il-ġesti ta' dawn l-anġli. Fil-fatt, anġlu minnhom qed iżomm il-ġilju tas-safa f'id mgħollija 'l fuq u fl-oħra qed iżomm xettru sabiex juri lil dan il-qaddis bħala patrun

tal-Knisja Universali u l-ieħor f'id waħda – li hija wkoll mgħollija 'l fuq – qed iżomm bukkett fjuri li huwa simili għal dak li għandu f'idejh l-hekk insejjaħ *San Ġużepp ix-Xiħ* li huwa meqjum fis-Santwarju tiegħu fil-knisja Ta' Ġieżu fir-Rabat u fl-oħra qed iżomm stellarju sabiex jindika lil San Ġużepp bħala l-għarus kastissimu ta' Marija. Dan l-anġlu li semmejna l-aħħar huwa l-aktar wieħed movimentat fejn għandu sieqU x-xellugija li hija mgħollija u maqtugħa minn mas-sħab li hemm taħtu qisu ser jagħti s-salt biex itir. Din il-qagħda tas-sieq tikkumplimenta l-id mgħollija li qed iżżomm il-bukkett tal-fjuri. L-anġlu l-ieħor huwa aktar ristrett fil-moviment tiegħu għalkemm l-idejn mgħollijin jidhru wkoll anke f'din l-istatwa. Ta' min jirrimarka pero fuq it-tipoloġika u l-istil tax-xagħar li Cremona uża għal dan l-anġlu, fejn it-troffa mgħollija fuq il-moħħ tal-figura u x-xagħar pjuttost goff u twil li jinżel wara għonqu huma karatteristika tipika ta' Carlo Darmanin. Naraw allura waħda mill-ftit mumenti fejn Cremona jersaq lejn it-tipoloġija tal-artist Senglean. Fiż-żewġ anġli, il-panneġġi fl-ilbies tal-figuri huwa tipiku ta' Cremona, jiġifieri ma jidhirx li kien hemm sforz sabiex dawn jiġu murija b'xi mod aktar naturali iżda bħal donnu ġew maħduma sabiex bil-moviment varju tagħhom, jikkontribwixxu għall-aspett dekorattiv u drammatiku fix-xbihat.[15]

Bejn l-1913 u l-1914, dawk inkarigati mill-armar estern tal-festa Ġużeppina fir-Rabat iddeċidew li jkomplu jżejnu Triq San Ġużepp b'aktar xbihat figurattivi. L-ewwel statwa li saret, fl-1913, kienet dik li turi lill-ewwel Granmastru f'Malta, jiġifieri *Philippe Villiers de L'Isle Adam*- personaġġ b'rabta qawwija mal-knisja Franġiskana Ta' Ġieżu kif ukoll mal-banda assoċjata ma' din il-festa u li wkoll iġġib ismu. Din ix-xbiha, li tintrama' fil-bidu ta' Triq Santu Wistin wara l-każin tal-banda, saret mill-istatwarju Carmelo Mallia (1880-1931), mlaqqam '*il-Lhudi*', minn Ħal Qormi. Mallia kien alljiev ta' Carlo Darmanin u apparti t-tradizzjoni orali li tgħid hekk, ix-xogħol tiegħu jindika li huwa kien anke xtara jew wiret xi forom ta' xi xogħlijiet ta' dan l-istatwarju Senglean wara mewtu fl-1909. Għalkemm uffiċjalment il-ħanut tax-xogħol ta' Darmanin kien intiret minn alliev ieħor tiegħu – Giuseppe Cilia, jidher li kien Carmelo Mallia li ħadem bosta vari u statwi li oriġinarjament kellhom jinħadmu minn Carlo Darmanin. L-immaġni fil-kartapesta tal-*Granmastru L'Isle Adam* turi lil dan il-personaġġ liebes armatura ċerimonjali bis-salib tal-Kavallieri jiddomina l-parti tal-korazza tiegħu, fuq sidru. Huwa għandu wkoll mant aħmar li jgħatti parti kbira minn idu l-leminija li biha qed iżomm skroll, filwaqt li terħa bajdanija – li flimkien mal-mant tindika l-kuluri tal-bandiera Maltija – tinżel minn qaddu għal fuq koxxtejh ix-xellugija. B'idu x-xellugija huwa qed iserraħ ma' tarka kbira li fuqha hemm murija l-emblema ta' kunjomu. Din il-figura hija fost l-aqwa eżempji ta' xogħol dan l-istatwarju, fejn il-panneġġi kbar, naturali u puliti jagħtu ċerta dinjità u monumentalità lill-istatwa.

Fl-1914, imbagħad, inħadmu numru ieħor ta' figuri tal-kartapesta, ukoll xogħol ta' Carmelo Mallia. It-tema prinċipali magħżula kienet dik tal-profeti tat-Testment il-Qadim, li jkomplu ma' dawk li diġà kienu preżenti quddiem il-knisja. Mallia kien ġie mqabbad sabiex jaħdem il-personaġġi ta' Mosè, Isaija u Ġeremija. Flimkien magħhom ġie deċiż ukoll li titpoġġa l-istatwa tas-*Sultan David* li semmejna aktar 'l fuq u li sa dan il-perjodu kienet tagħmel parti mill-palk tal-banda. Sabiex jieħu post l-istatwa ta' *David* fuq dan l-istess palk imbagħad, fl-1914 Mallia lesta wkoll il-figura ta' anġlu jżomm standard f'idejh. Il-kompożizzjoni ta' dan l-anġlu, li lum jintrama' fi Triq San Pawl ħdejn il-kunvent u quddiem il-planċier, hija identika għall-dawk ta' bosta anġli oħra li ħarġu minn taħt idejn Carlo Darmanin u li jintramaw fit-toroq Maltin fil-ġranet tal-festa kważi f'kull raħal u belt. L-istatwi tal-profeti jkomplu fuq l-istess bixra tal-istatwa ta' *L'Isle Adam*, fejn jiddomina fihom il-moviment sabiħ tal-personaġġi kkumplimentati mill-modellatura sabiħa tal-uċuħ u t-tqegħid naturali u artistiku tal-panneġġi tal-ilbies, li jeżaltaw il-kompożizzjoni ġenerali ta' dan ix-xogħol notevoli ta' Mallia.

L-istatwa ta' *Mosè* turi lil din il-figura importanti fil-mument li huwa nieżel minn fuq il-muntanja Sinaj bit-twavel tal-kmandamenti f'idu l-leminija filwaqt li bl-oħra qiegħed jipponta 'l fuq sabiex jindika li dawn ġew mogħtija lilu minn Alla.[16] Il-qagħda, l-ilbies – li huwa ddominat mill-mant li jgħatti parti kbira mit-tunika ta' Mosè - kif ukoll il-fattizzi tal-wiċċ u l-modellatura tad-daqna folta jindikaw b'mod mill-aktar ċar li l-istatwarju Qormi ħa l-idea tiegħu mill-inċiżjoni tal-artist Franċiż Gustave Dore' (1832-1883) li turi l-istess xena u li flimkien ma' ħafna xogħol ieħor minn tiegħu, kienet tagħmel parti minn bosta illustrazzjonijiet li dan kien jagħmel għall-pubblikazzjonijiet tal-Bibbja matul is-seklu dsatax. Il-figura ta' Ġeremija tolqot l-għajn għall-poża sabiħa li fiha huwa muri dan il-profeta. Huwa għandu sieqU l-leminija mgħollija fuq blata u dan jippermetti sabiex iserraħ l-iskrizzjoni li għandu f'idu. Ħarstu hija mgħollija 'l fuq lejn is-sema filwaqt li qed jgħolli wkoll idejh ix-xellugija. Il-velu voluminuż li għandu mdawwar ma' rasu flimkien mad-daqna kbira jagħtuh bixra arkajka mentri l-panneġġi tal-ilbies, magħmulin





















minn piegi sbieħ u spjegati mpoġġija b'mod mill-aktar naturali fuq il-figura huma eku tal-istil tal-imgħallem tiegħu Carlo Darmanin. Il-personaġġ ta' *Isaija* jsegwi l-istess binarji stilistiċi taż-żewġ profeti li semmejna. Fl-istatwa jispikka l-ġest tal-id il-leminija li tinsab mgħollija 'l fuq u tagħti ċertu moviment lill-profeta li għandu sidru mikxuf, li hija l-unika parti anatomika li mhijiex mgħottija mill-mant li qed igeżwer lill-figura. Din il-poża u din id-dispożizzjoni tal-panneġġi hija simili għall-istatwa tal-istess profeta li Carmelo Mallia ħadem għall-festa ta' San Ġwann il-Battista fix-Xewkija Għawdex.[17] Il-kompożizzjoni sħiħa u l-mod ta' kif *Isaija* huwa mlibbes tfakkar ukoll fil-pittura ta' dan il-personaġġ li l-pittura Malti Giuseppe Calì pitter taħt waħda mix-xeni miċ-ċiklu pittoriku tal-ħajja ta' Kristu fir-Rotunda tal-Mosta.[18]

Ta' Carmelo Mallia jidher li huma wkoll iż-żewġ anġli jżommu simboli Ġużeppini li nsibu fl-istess triq. Għalkemm m'għandhomx l-istess livell

artistiku daqs il-Profeti, it-tipoloġija tal-uċuħ u l-mod ta' kif huwa muri l-ilbies tagħhom jindikaw li huma derivattivi mill-ħafna figuri anġeliċi li Carlo Darmanin ħadem matul il-karriera artistika twila tiegħu. Dawn il-figuri bħal donnu saru sabiex jikkumplimentaw iż-żewġ anġli li kien ħadem Vincenzo Maria Cremona u li ssemmew aktar 'l fuq. F'dan is-sett, l-għan huwa li jiġu eżaltati u murija s-simboli ta' San Ġużepp bħala l-patrun tal-Knisja Universali. Wieħed mill-anġli, fil-fatt, għandu f'idu kuruna u xettru li jindikaw il-patrunanza tiegħu filwaqt li l-ieħor għandu f'idu t-trirenju u salib twil Bażilikali li jfakkar fil-Papat u fil-Vatikan bħala s-Sede tal-Knisja Kattolika fid-dinja.

Fl-1914 ukoll, iżżanżnet statwa oħra għat-toroq tar-Rabat sabiex titgawda fil-festa ta' San Ġużepp. Din turi lill-*Papa Piju IX* u saret mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri (1885-1979), li kien għadu fil-bidu tal-karriera artistika tiegħu. Minkejja li kien għad kellu biss disa' u għoxrin sena meta ħadem din ix-xbiha, il-figura tal-Papa li fis-sena 1870 kien ħatar lil San Ġużepp bħala l-Patrun tal-Knisja Universali turi l-kapaċità kollha ta' dan l-istatwarju Għawdxi. Huwa wrieh wieqaf bl-aqwa lbies ċerimonjali tiegħu, fejn b'idu l-leminija qed ibierek lill-ispettatur u bl-oħra qed iżomm id-dikjarazzjoni uffiċċjali tal-patroċinju ta' dan il-qaddis fuq il-knisja. Preżentament, din l-istatwa tintrama' viċin tal-knisja, tħares lejn Triq San Ġużepp.

## Konklużjoni

Minkejja l-*area* relattivament pjuttost żgħira li fiha jiġu armati dawn l-istatwi dekorattivi matul il-festa tal-Patrijarka San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina, ix-xbihat li għadna kemm semmejna għandhom ċertu importanza konsiderevoli f'dak li hu element storiku-artistiku. Huma kienu wkoll determinanti fil-karrieri artistiċi tal-istatwarji li sawruhom. Meta tqis il-mijiet ta' statwi esterni li nsibu fil-festi tagħna, ix-xbihat tas-*Sultan David* u l-profeti *Abraham, Iżakk, Ġakobb* u *Ġużeppi* – li hawnhekk qed jiġu attribwiti lil Gerolamo Darmanin – x'aktarx kienu fost l-ewwel rappreżentazzjonijiet figurattivi fil-kartapesta li saru sabiex iżejnu t-toroq Maltin. Jistgħu wkoll jagħtu spunt fuq dan it-tip ta' xogħol fil-kuntest tal-arti li ġie kkummissjonat Gerolamo Darmanin meta mqabbel ma' dak li ħadem għal ġol-knejjes.

Min-naħa l-oħra, il-kompożizzjonijiet tal-*Granmastru L'Isle Adam* u tal-profeti li ħadem Carmelo Mallia fis-snin 1913 u l-1914 x'aktarx kienu importanti ferm għall-karriera artistika ta' dan l-istatwarju Qormi speċjalment meta wieħed iqis li bil-mewt ta' Carlo Darmanin fl-1909, huwa ried juri l-abiltajiet tiegħu fl-arti tal-kartapesta sabiex bħala alljiev ta' Darmanin, juri li kien suċċessur denju tiegħu u jieħu kemm jista' jkun kummissjonijiet. B'hekk huwa seta' wkoll jistabilixxi lilu nnifsu bħala artist prominenti f'dan il-qasam artistiku fil-bidu tas-seklu għoxrin. Min-naħa tiegħu, iż-żgħażugħ Wistin Camilleri li ħadem l-istatwa tal-Papa Piju IX ried jibda jsaħħaħ ir-reputazzjoni tiegħu bħala statwarju tal-kartapesta u b'hekk narawh jipproduċi statwa eleganti li wriet lid-dilettanti kollha l-kapaċitajiet tiegħu, liema kapaċitajiet wassluh sabiex eventwalment isir wieħed mill-aktar artisti importanti u prolifiċi li kkontribwew fl-istorja tal-arti tal-kartapesta Maltija.

Dawn l-istatwi jixirqu sew mal-armar antik u sabiħ li wieħed jista' jara u japprezza fil-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat. Huma jkomplu jżidu l-karattru t'armar li l-istil awtentiku tiegħu jirrifletti l-epoka u l-perjodu li sar fih u li fih wieħed jista' tassew jammira d-dixxiplina artistika li dawn l-artisti varji kienu jħaddnu. Wieħed jittama għalhekk li din il-festa u d-dekorazzjonijiet esterni tagħha jibqgħu jiġu ndukrati sabiex jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

****************************************

**Referenzi**

1 Alexander Bonnici, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol.III, Malta 1991, p.150.

2 Komunikazzjoni personali mas-Sur Renzo Gauci.

3 Il-familja ta' G.Darmanin e Figli kienet immexxija minn missier l-istatwarji Carlo u Giovanni Darmanin kif ukoll nannu ta' Gerolamo Darmanin. Huma kienu jieħdu sehem f'bosta esebizzjonijiet tal-arti u artiġġjanat barra minn Malta fejn kienu jissemmew u jiġu rikonoxxuti għax-xogħol fin u sabiħ li kienu jippreżentaw. F'Malta kienu jiġu ikkummissjonati xogħol ta' monumenti u lapidi mill-gvern Ingliż, apparti xogħol ieħor fil-knejjes.

4 Lorenzo Zahra, *Nota Storika dwar 'iċ-Ċorma'*, Programm tal-Festa ta' San Lawrenz 2003, p. 123 u P.P. Castagna, *L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha*, p.212.

5 Komunikazzjoni personali mas-Sur Renzo Gauci.

6 Din id-deskrizzjoni li ġejja hija msejsa fuq l-aspett ġeneriku ta' kif jiġu armati l-istatwi fil-maġġoranza tal-irħula tagħna.

7 F'din il-festa fuq iz-zuntier insibu erba' gruppi statwarji li jirrappreżentaw *Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina*, *Il-Glorja ta' Santa Katarina*, *It-Trasportazzjoni ta' Ġisimha lejn il-Muntanja Sinaj* u l-*Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katarina*. Dawn l-istatwi huwa kollha xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi. Apparti dawn, taħt iz-zuntier jitpoġġew ukoll sett ta' erba' anġli iżommu s-simboli relatati mal-qaddisa, xogħol ta' Paul Aquilina.

8 Insibu wkoll fejn fuq iz-zuntier jitpoġġew kemm anġli waħedhom, bħall fil-każ tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi u anke anġli flimkien ma' personaġġi relatati mal-qaddis bħalma naraw fil-festa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun.

9 Dan kien l-iskop ewlieni ta' Carlo Darmanin meta ġie biex jaħdem l-istatwi msemmija wara li ma rnexxielux jinkludihom fil-vara titulari nnifisha fl-1864 minħabba kwistjoni ta' daqs u toqol.

10 Filwaqt li l-istatwi fil-festa tar-Rabat Għawdex huma xogħol pjuttost riċenti ta' Michael u Adonai Camilleri Cauchi, is-sett ta' Ħal Qormi għadu qed jiġi ffurmat minn Aaron Camilleri Cauchi.

11 F'dan l-artiklu ser jiġu diskussi biss l-istatwi esterni li saru bejn it-tieni nofs tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin. Dan sabiex tingħata aktar informazzjoni lix-xbihat dekorattivi l-aktar antiki li għandha din il-festa fir-Rabat u li s'issa ftit għadhom ingħataw attenzjoni u studju fuq livell akkademiku.

12 Ħajr lis-Sur Jeremy Debono għal din l-informazzjoni.

13 F'ċertu sorsi, wieħed għadu jista' jara li din il-vara f'Ħal Għargħur hija attribwita lil Carlo Darmanin. Madanakollu, minn komunikazzjoni personali li l-awtur ta' dan l-artiklu kellu mal-istatwarju u restawratur is-sur Renzo Gauci, ġie mgħarraf li jista' jingħad b'ċertezza li l-immaġni ta' *Kristu fl-Ort* fir-raħal ta' Ħal Għargħur hija xogħol ta' Gerolamo Darmanin. Dan jista' jiġi determinat mhux biss mill-ħidma tal-kartapesta tal-vara iżda anke mix-xebħ li jeżisti bejn l-uċuħ tal-anġlu fil-vara tal-Ort u wieħed mis-subien li hemm imdawwrin mal-figura tal-Madonna fil-vara tal-*Madonna tad-Duttrina* meqjuma fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Is-sur Gauci wettaq proċess ta' restawr kemm fuq *Kristu fl-Ort* u anke fuq il-vara tal-*Madonna tad-Duttrina*.

14 Apparti dawn iż-żewġ xbihat, Cremona ħadem ukoll *Malta* għall-festa ta'Marija Bambina fix-Xagħra Għawdex. Nafu wkoll li huwa ħadem allegoriji oħra tal-istess suġġett li llum m'għadhomx jeżistu. Waħda minn dawn kienet għaċ-*Circolo Ceschi* f'Tas Sliema għall-festa ta' San Ġwann Battista u saret fl-1888 (Winston L. Zammit, Malta 2000, p.156). Statwa oħra kienet destinata għall-festa ta' *San Pawl* tal-Belt u kienet saret fl-1896 (Malta Tagħna, 8 ta' Frar 1896, p.3). Din ix-xbieha kienet ġiet mibdula ma' kopja tagħha stess maħduma mill-istatwarji Alfred Camilleri Cauchi fl-1998. Malta oħra li m'għadhix teżisti hija dik li Vincenzo Maria Cremona ħadem għall-festa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun fl-1901 (Malta Tagħna, 3 t'Awwissu 1901).

15 Din l-analiżi kritika ta' dawn ix-xbihat ta' Vincenzo Maria Cremona ġiet meħuda minn kontribuzzjoni li l-awtur ta' dan l-artiklu għamel f'artiklu ieħor miktub mis-Sur Jeremy Debono bl-isem '*L-Istatwa ta' Malta Rebbieħa u l-pedestall Tagħha*', li deher fil-ktieb tal-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina fl-2017, p. 93-98.

16 Statwa oħra ta' *Mosè* simili għal din iżda b'xi ftit differenzi żgħar fil-kompożizzjoni tagħha nsibuha armata fil-festa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Balzan, sewwasew fit-triq ta' quddiem il-knisja Parrokkjali.

17 Komunikazzjoni personali mas-Sur Renzo Gauci.

18 L-unika differenza hija biss li fil-pittura ta' Calì, *Isaija* jinsab bilqegħda. Madanakollu, l-id mgħollija u t-tqassim tal-ilbies huwa identiku għall-istatwa ta' Carmelo Mallia fir-Rabat.




SEVENTEEN

Kids, Ladies &
Menswear
Underwear,
Nightwear
& more.

39, Ġorġ Borg Olivier Street,
Rabat.
Tel: 2145 1812
Mob: 9944 3960